# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 326/2016**

Il-Pulizija

vs

**Isabelle Farrugia**

Bint George Callus, imwieleda fid-9 ta' Frar, 1972 u detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 107672(M)

Illum, 10 ta' Marzu, 2017

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanta Isabelle Farrugia quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-4 t'April, 2013 u fix-xhur ta' qabel din id-data gewwa 'Sweet Dreams', Triq il-Hmistax ta'Awwissu, Qrendi:

(1) B'diversi atti maghmula minnha, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jkun jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u ikunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed, imsejjah reat kontinwat;

(2) Fl-4 ta' April 2013, u fix-xhur ta' qabel bla hsieb li tisraq jew li taghmel hsara kontra l-ligi izda biss biex tezercita jedd li tippretendi li ghandha, fixklet lil zewgha Rudolph

Farrugia fit-tgawdija u fil-pussess (billi qed iccahdu l-access) ghal fond matrimonjali 'Sweet Dreams', Triq il-Hmistax ta' Awwissu, Qrendi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-14 ta' Gunju, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputata Isabelle Farrugia hatja tal-akkuzi kif dedotti kontirha u ikkundannatha multa ta' tletin euro (€30), ordnat li fi zmien xahar taghti cavetta tad-dar meritu tal-akkuzi lill-patre civile b'dan pero' illi l-parte civile m'ghandux jidhol go din id-dar jekk mhux bi preavviz ta' tmienja u erbghin (48) siegha u f'kazijiet eccezzjonali.

Rat ir-rikors tal-appellanta Isabelle Farrugia  pprezentat fil-21 ta' Gunju, 2016 fejn talbet li din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar s-sentenza appellata fejn sabet lill-esponenti Isabelle Farrugia hatja tal-imputazzjonijiet kollha fil-konfront taghha u minflok tiddikjaraha mhux hatja tal-imputazzjonijiet dedotti u tilliberah kompletament skont il-ligi.

Alternattivament, u minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqax, joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tigi imposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanta u cioe':-

Illi l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-esponent u l-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cioe' dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali u is-sejbien tal-htija tal-imputata hija "unsafe and unsatisfactory".

Illli l-Prosekuzzjoni bbazat il-kaz taghha fuq ix-xhieda tal-kwerelant biss. Fix-xhieda tieghu l-kwerelant isostni li l-esponenti ammettit mieghu li hija biddlet is-serratura tal-bieb fuq parir tal-avukat. Dan il-fatt bl-ebda mod ma gie kkorraborat minn xi evidenza ohra. Fix-xhieda tieghu l-

kwerelant jsostni li fid-data tar-reat u cioe' fl-4 t'April 2013, huwa mar biex jiftah il-bieb tad-dar izda ma setax jiftah ghax is-serratura kienet mibdula. Bl-akbar rispett, wiehed ma jistax jikkonkludi li s-serratura nbidlet fl-4 ta' April 2013 jew fil-jiem ta' qabel. Fuq kollox wiehed ma jistax jasal ghal konkluzjoni jekk kinitx l-esponenti jew xi hadd iehor li biddel is-serratura.
Bl-akbar rispett l-esponenti qatt ma' setghet tinstab hatja fuq ix-xhieda biss ta' persuna li kien jhedded lill-esponenti, gieli anke fil-prezenza ta' wliedhom li huwa jrid jaghmlilha rapport lill-pulizija biex forsi tehel il-habs u anke sabiex titlef l-impjieg taghha.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tieni aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi bir-rispett jigi relevat illi li l-ewwel Onorabbli stess iddikjarat illi ma taqbilx mal-konkluzjonijiet tal-espert legali, fejn huwa stqarr li l-esponenti bidlet is-serratura tad-dar fl-2011 u ghaldaqstant kellha tinstab htija fil-konfront tal-esponenti.
Bl-akbar rispett l-ewwel Onorabbli Qorti sabet lill-esponenti hatja minhabba l-fatt li l-kwerelant sostna li l-esponenti ammettit mieghu li hija bidlet is-serratura tal-bieb fl-2011 fuq parir tal-avukat. Din il-prova ma kienet ikorraborata minn l-ebda evidenza ohra.
L-esponenti ma setghetx tinstab hatja fuq prova li ma hijiex ikkorraborata minn evidenza ohra.

Illi minghajr pregudizzju ghal-aggravju precedenti **it-tielet aggravju** huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni li l-kwerelant li qieghed jinsisti li huwa ghandu bzonn access ghad-dar li fiha jirrisjedu wliedu u l-esponenti, ilu sa mis-26 ta' Dicembru 2009, li abbanduna u telaq mid-dar matrimonjali u li ilu jghix f'residenza Xemxija Heights sa minn dakinhar li abbanduna d-dar matrimonjali , flimkien mal-partner tieghu u illum il-gurnata ma binthom.

L-ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni tal-fatt illi fil-21 ta' Jannar, 2010, saret is-separazzjoni tal-beni bejn il-partijiet fejn fiha kien indikat li l-esponenti flimkien ma

wliedha ghandhom id-dritt tal-uzu u l-abitazzjoni tad-dar bl-isem 'Sweet Dreams', li tinsab fi Triq il-Hmistax ta' Awwissu, il-Qrendi.

Bl-akbar rispett, l-Ewwel Onorabbli Qorti naqset milli tiehu konsiderazzjoni illi kemm l-esponenti kif ukoll l-ulied jibzghu mis-Sur Farrugia u dan minhabba l-fatt li s-Sur Farrugia kien dejjem jheddidhom sabiex jaghmlu dak li jordnalhom hu, kien ighajjarhom b'ismijiet mhux xierqa b'mod specjali lil wiehed minn uliedu, il-hin kollu joffendi lill-esponenti bil-familja taghha u kien dejjem jiftahar li huwa ghandu senter u tghidx kemm jaf jimmira bih ghaliex kien imur jipprattika bih.

L-ulied malli raw lil missierhom vicin id-dar taghhom twerwru u marru jistahbew wara sigra u bdew jinkwetaw bil-kbir li kien se jigri xi haga lil ommhom li dak il-hin kienet ghal affari taghha fid-dar tistenna lil uliedha jaslu lura mil-quddies li  huma ppartecipaw fiha bhala abbatini.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi b'nota tal-parte civile ta' l-1 ta' Frar, 2017 din il-Qorti giet infurmata li l-parte civile ma ghandha ebda interess f'dan l-appell.

Ghaldaqstant, din il-Qorti qed tichad l-appell ta' Isabelle Farrugia u tikkonferma s-sentenza appellata fil-meritu.  Dwar il-piena.  Tilqa l-appell ta' Isabelle Farrugia.  Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata u minflok il-piena tal-multa tillibera lill-appellanta taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bla kondizzjoni.